



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

17392/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0402 (COD)**

**PI 178
CODEC 2842**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 813 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan- negożju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2013) 813 final.

Mehmuż: COM(2013) 813 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2013
COM(2013) 813 final

2013/0402 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti
kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 471 final}

{SWD(2013) 472 final}

{SWD(2013) 493 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Ewropa hi f'saħħitha fix-xjenza u l-innovazzjoni u għandha l-potenzjal li tkun fuq quddiem nett globalment. L-isforz għal xjenza ta' kwalità mhuwiex biss l-għan tar-riċerkaturi, imma jipprovdi dħul importanti kemm pubbliku u kemm privat. Madankollu, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) b'mod globali fi ħdan l-UE mhuwiex misjuq biżżejjed min-negozji meta mqabbel ma' xi wħud mill-imsieħba kummerjali ewlenin, b'mod partikolari l-Istati Uniti u l-Ġappun. Investiment subottimali tan-negozju fir-R&Ż għandu impatt negattiv fuq l-introduzzjoni ta' prodotti, proċessi, servizzi u kompetenzi ġodda.

Għalhekk wieħed jixtieq li jtejjeb il-kundizzjonijiet ta' attività innovativa tan-negozju. Bħala parti mill-strateġija usa' tagħha Ewropa 2020, il-Kummissjoni impenjat ruħha li toħloq Unjoni tal-Innovazzjoni, tipproteġi l-investimenti fil-bażi tal-għarfien, tnaqqas il-frammentazzjoni li tiswa ħafna flus, u tagħmel l-Ewropa post aktar sodisfaċenti għall-innovazzjoni. Ambjent li jwassal għall-innovazzjoni għandu b'mod partikolari jhegġegħ livelli ogħla ta' investiment fir-R&Ż mis-settur privat, permezz ta' kollaborazzjoni aktar estensiva, inkluża dik transkonfinali, fir-R&Ż u l-iżviluppi teknoloġiċi bejn l-universitajiet u l-industrija, l-innovazzjoni miftuħa u li tippermetti valutazzjoni mtejjba tal-proprjetà intellettuali (IP) b'tali mod li l-aċċess għall-kapital ta' riskju u l-finanzjament ikun imsaħħaħ għal aġenti ekonomiċi orjentati lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-ilħuq ta' dawn il-miri esklussivament fuq il-livell nazzjonali mhuwiex biżżejjed u jwassal għal approċċi ineffiċjenti duplikazzjoni tal-isforzi fl-Unjoni.

Il-kostitjiet ta' tranżazzjoni imnaqqsa drastikament fl-ekonomija diġitali wasslu għal suriet ġodda ta' kooperazzjoni max-xjenza miftuħa u l-innovazzjoni, li ta' spiss iwasslu għal mudelli ġodda ta' negozju bl-użu ta' tagħrif maħluq b'mod konġunt. Madankollu, id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPRs) huma parti essenzjali minn politika ta' innovazzjoni. L-IPRs jipprovdu l-innovaturi u l-inventuri b'mezzi ta' approprijazzjoni tal-outputs tal-isforzi tagħhom, li huma ta' natura intanġibbli, u b'hekk jipprovdu l-inċentivi neċessarji għal investiment f'soluzzjonijiet, invenzjonijiet u kompetenzi ġodda. L-IPRs għandhom it-tendenza li jipproteġu r-riżultati ta' sforzi kreattivi jew inventivi, iżda dawn għandhom ambitu limitat.

Matul il-proċess tar-riċerka u l-kreazzjoni tinġabar u tiġi żviluppata informazzjoni sinifikanti, li progressivament tibni għarfien ta' valur ekonomiku sostanzjali li ħafna drabi ma jikkwalifikax għall-protezzjoni tal-IPR, iżda li hu importanti bl-istess mod għall-innovazzjoni u għall-kompetittività tan-negozji b'mod ġenerali. Meta l-ksib ta' dawn l-assi u l-attirar ta' finanzjament u investiment jirrikejdu li l-PI jinżammu sigrieti, il-kumpaniji, il-laboratorji, l-universitajiet, kif ukoll l-inventuri u l-kreaturi individwali, juaw l-aktar forma ta' approprijazzjoni affidabbli u li ilha teżisti fuq informazzjoni prezzjuża: il-kunfidenzjalità.

Peress li r-riċerka tibni fuq xogħol preċedenti, il-kondiviżjoni tal-għarfien u s-sejbiet ġodda jirrappreżentaw lieva importanti għal aktar innovazzjoni. Skont il-mudell tan-negozju tal-innovatur hemm każijiet meta l-konfidenzjalità tista' tkun il-bażi rekwiżitorja li fuqha fl-IP tista' tkun imrawma sabiex tkun tista' tiġi sfruttata f'innovazzjoni u żieda fil-kompetittività. Kull IPR jibda b'sigriet. Il-kittieba ma jiżvelawx it-tema li jkunu qed jiktbu dwarha (dritt futur tal-awtur), dawk li jagħmlu l-karozzi ma jiċċirkulawx l-ewwel disinni ta' mudell ġdid (disinn futur), il-kumpaniji ma jiżvelawx ir-riżultati preliminari tal-esperimenti teknoloġiċi tagħhom

(privattiva futura), il-kumpaniji iżommu mistural-informazzjoni marbuta mat-tnedija ta' prodott tal-marka ġdid (marka kummerċjali futura), eċċ.

Fit-terminoloġija legali, informazzjoni li tinżamm kunfidenzjali sabiex jiġu ppreservati l-kisbiet kompetittivi hija magħrufa bħala “sigriet kummerċjali”, “informazzjoni mhux żvelata”, “informazzjoni kunfidenzjali tan-negozju” jew “kompetenza sigrieta”. Id-dinja tan-negozju u dik akkademika xi kultant jużaw ismijiet oħra għaliha bħal “kompetenza proprjetarja” jew “teknoloġija proprjetarja”.

Is-sigrieti kummerċjali huma wkoll daqstant importanti daqs il-ħarsien tal-innovazzjoni mhux teknoloġika. Is-setturi tas-servizzi, li jirrappreżentaw madwar 70 % tal-PDG tal-UE, huma dinamiċi ħafna, u dak id-dinamiżmu jiddependi fuq il-manutenzjoni innovattiva tal-ħolqien tal-ġharfien. Madankollu, is-settur tas-servizzi ma jistrieħx daqs l-industrija tal-manifattura fuq il-proċess teknoloġiku u l-innovazzjoni tal-prodott (kif protetti mill-privattivi). Il-kunfidenzjalità f'din il-parti ewlenija tal-ekonomija tal-UE tintuża għall-bini u l-isfruttament tal-hekk imsejħa “soft innovation” (innovazzjoni sottili) għall-kompetittività, li tkopri l-użu u l-applikazzjoni ta' firxa diversifikata ta' informazzjoni strateġika kummerċjali, li testendi lil hinn mit-tagħrif teknoloġiku, bħal informazzjoni fuq il-klijenti u l-fornituri, proċessi tan-negozju, pjanijiet tan-negozju, ir-riċerka tas-suq, eċċ.

L-ekonomisti jaqblu li l-kumpaniji, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jivvalorizzaw is-sigrieti tal-kummerċ mill-inqas daqs kull forma oħra ta' PI. Is-sigrieti kummerċjali huma partikolarment importanti għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) u l-istart-ups (dawk li qed jibdwu) peress li dawn ħafna drabi ma jkollhomx riżorsi umani speċjalizzati u s-saħħa finanzjarja li jsegwu, jimmaniġġjaw, jinforzaw u jiddefendu l-IPRs.

Għalkemm mhux protetti bħal IPR klassiku, is-sigrieti kummerċjali klassiċi xorta waħda huma strument prinċipali kumplimentari meħtieġ għall-approprijazzjoni tal-assi intellettuali li jixprunaw l-ekonomija tal-ġharfien tas-seklu 21. Id-detentur ta' sigriet kummerċjali ma jkollux drittijiet esklussivi fuq l-informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali. Madankollu, sabiex jiġi promoss proċess ekonomikament effiċjenti u kompetittiv, huma ġġustifikati restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sigriet kummerċjali f'każijiet fejn il-kompetenza jew l-informazzjoni rilevanti tkun inkisbet mid-detentur tas-sigriet kummerċjali kontra r-rieda tiegħu minn parti terza permezz ta' mezzi diżonesti. L-evalwazzjoni ta' jekk u sa liema punt dawn ir-restrizzjonijiet huma neċessarji hija soġġetta, fuq bażi ta' każ b'każ, għal kontroll ġudizzjarju.

Dan ifisser li l-kompetituri huma ħielsa, u għandhom jiġu inkoraġġiti, li jiżviluppaw u jużaw l-istess soluzzjonijiet, oħrajn simili jew dawk alternattivi, biex b'hekk jikkompetu fl-innovazzjoni, iżda ma jitħallewx jingannaw, jisirqu jew iqarrqu sabiex jiksbu informazzjoni kunfidenzjali żviluppata minn oħrajn.

Filwaqt li l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-ġharfien u l-informazzjoni saru dejjem aktar ċentrali għall-prestazzjoni tal-ekonomija tal-UE, l-esponiment ta' kompetenza u informazzjoni ta' valur misturin (sigrieti kummerċjali) għal serq, spjunaġġ jew tekniki oħra ta' miżapproprjazzjoni għandu u qed ikompli jżdid (il-globalizzazzjoni, l-esternalizzazzjoni, ktajjen itwal tal-provvista, l-użu dejjem jikber tal-ICT, eċċ.). Ir-riskju jżid ukoll li s-sigrieti kummerċjali jiġu użati f'pajjiżi terzi li jipproduċu prodotti kontravventorji li sussegwentement jikkompetu fl-UE ma' dawk tal-vittma tal-miżapproprjazzjoni. Madankollu, id-diversità u l-frammentazzjoni kurrenti tal-qafas legali dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom qed ifixxkel ir-R&Ż transfruntiera u ċ-

ċirkolazzjoni ta' għarfien innovattiv billi jdgħajjef il-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jirrispondu għal attakki diżonesti fuq il-kompetenza tagħhom.

Ottimizzazzjoni tal-infrastruttura tal-PI huwa pilastru importanti tal-Unjoni tal-Innovazzjoni u, f'dak il-kuntest, f'Mejju 2011 il-Kummissjoni adottat strateġija komprensiva dwar l-IP, fejn intrabtet li teżamina l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali¹. Din il-proposta hija waħda aktar konsenjabbli fuq l-impenn li jinholq suq uniku għall-proprietà intellettuali.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni Pubblika

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq evalwazzjoni tal-importanza tas-sigrieti kummerċjali għall-innovazzjoni u għall-kompetittività tal-kumpaniji, sa fejn jintużaw, ir-rwol u r-relazzjoni tagħhom mal-IPRs, fil-ġenerazzjoni u l-isfruttament ekonomiku tal-għarfien u l-assi intanġibbli, u l-qafas legali rilevanti. Dawn il-valutazzjonijiet twettqu bl-għajnuna ta' żewġ studji esterni u b'konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati.

L-ewwel studju (ippubblikat f'Jannar tal-2012) jipprovdi valutazzjoni komparattiva tal-liġi tal-protezzjoni kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali fl-Istati Membri differenti tal-UE. It-tieni studju, ippubblikat f'Mejju tal-2013, ivvaluta l-bażi ekonomika tas-sigrieti kummerċjali u l-protezzjoni kontra l-miżapproprjazzjoni u analizza ulterjorment il-protezzjoni legali tas-sigrieti kummerċjali madwar l-UE. Hu kkonferma n-natura frammentata u diversifikata tal-protezzjoni eżistenti kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali fl-Unjoni kollha, kkunsidrata bħala b'mod ġenerali mhux trasparenti u li timponi spejjeż u riskji bla bżonn. L-istudju kkunsidra li sistema effiċjenti biex tiżgura r-riżultati tar-R&Ż hija prekundizzjoni għan-negozji għall-innovazzjoni u li l-flessibilità offruta minn dipendenza effiċjenti fuq is-sigrieti kummerċjali taqbel sew mal-mod li bih l-innovazzjoni sseħħ fl-ambjent tan-negozju tal-lum. Hu kkonkluda li l-armonizzazzjoni tal-liġi tas-sigrieti kummerċjali fl-UE ttejjeb il-kundizzjonijiet għall-kumpaniji biex jiżviluppaw, jiskambjaw u jużaw għarfien innovattiv.

L-opinjoni tal-partijiet interessati kienu miġbura fi tliet (3) passi. L-ewwel, is-soċjetà ċivili, l-industrija, l-akkademja u l-awtoritajiet pubbliċi ddiskutew din il-kwistjoni f'konferenza organizzata mill-Kummissjoni li saret f'Ġunju tal-2012.

It-tieni, sussegwentement ġie mniedi sħarriġ dwar l-użu tas-sigrieti kummerċjali, r-riskji assoċjati u l-protezzjoni legali, fil-kuntest tat-tieni studju, f'Novembru tal-2012. L-istħarriġ kien immirat lejn kampjun rappreżentattiv ta' negozji madwar l-UE, inklużi l-SMEs li kienu responsabbli għal 60 % tal-kampjun. Waslu total ta' 537 tweġiba għall-istħarriġ. B'mod ġenerali, 75 % minn dawk li wieġbu kklassifikaw is-sigrieti kummerċjali bħala ta' importanza strateġika għat-tkabbir, il-kompetittività u l-prestazzjoni innovattiva tal-kumpanija tagħhom. L-istħarriġ wera li matul l-aħħar 10 snin, madwar wieħed minn kull ħamsa li wieġbu kienu mġarrba għall-anqas tentattiv wieħed f'miżapproprjazzjoni fi ħdan l-UE, billi kważi tnejn minn kull ħamsa minn dawk li wieġbu ddikjaraw li r-riskju ta' miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali kien żdied matul l-istess perjodu. Żewġ terzi ta' dawk li wieġbu indikaw appoġġ għall-proposta leġiżlattiva tal-UE.

¹ COM (2011)287.

It-tielet, mill-11 ta' Diċembru 2012 sat-8 ta' Marzu 2013 is-servizzi tal-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni pubblika, li tiffoka fuq l-għażliet possibbli ta' politika u l-impatti tagħhom. Waslu 386 tweġiba, il-biċċa l-bira minn ċittadini individwali (primarjament minn Stat Membru wieħed) u negozji. 202 minn dawk li wiegħbu sabu li l-protezzjoni legali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali għandha jiġu indirizzati mill-UE. Madankollu, l-opinjoni jiet espressi minn żewġ gruppi ewlenin ta' dawk li wiegħbu (iċ-ċittadini u l-kumpaniji) kienu polarizzati. Tlieta minn kull erba' ċittadini jqisu s-sigrieti kummerċjali bħala ta' importanza baxxa għar-R&Ż u jaħsbu li l-protezzjoni legali eżistenti tas-sigrieti kummerċjali hija eċċessiva u 75 % ma jarawx il-ħtieġa ta' azzjoni tal-UE. Il-kumpaniji li rreaġixxew, min-naħa l-oħra, jikkunsidraw is-sigrieti kummerċjali bħala importanti ferm għar-R&Ż u għall-kompetittività tagħhom. Maġġoranza sinifikanti jaraw il-protezzjoni eżistenti bħala dgħajfa, b'mod partikolari fuq livell transfruntier, u jaraw id-differenzi bejn l-oqfsa legali nazzjonali bħala li jħallu impatti negattivi bħal riskju akbar għan-negozju fl-Istati Membri b'anqas protezzjoni, anqas inċentivabiex wieħed jidħol għal R&Ż transfruntiera u u ż-żieda fin-nefqa f' miżuri preventivi biex tiġi protetta l-informazzjoni.

2.2. Valutazzjoni tal-Impatt

Il-valutazzjoni tal-impatt wea d-diverġenzi nazzjonali fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali: huma flit il-liġijiet tal-Istati Membrijew jiddefinixxi s-sigrieti kummerċjali jew jispeċifikaw jekk għandhomx jiġu protetti; ordnijiet ta' waqfien u ebda tkompli kontra l-kontraventuri mhumie x disponibbli fil-każijiet kollha; ir-regoli tradizzjonali dwar il-kalkolu tad-danni ta' spiss huma inadegwati għall-każijiet ta' miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali u metodi alternattivi (pereżempju l-ammont ta' royalties li kienu jkunu dovuti taħt ftehim ta' liċenzja) mhumie x disponibbli fl-Istati membri kollha; u r-regoli kriminali ma jindirizzawx is-serq tas-sigriet kummerċjali fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri ma għandhomx regoli mmirati biex iħarsu s-sigrieti kummerċjali matul il-litigazzjoni, u b'hekk jiskoraġġixxu vittmi ta' miżapproprjazzjoni ta' sigriet kummerċjali milli jfittxu rimedju fil-qorti.

Irriżultaw żewġ problemi ewlenin:

- Inċentivi subottimali għal attivitajiet ta' innovazzjoni transfruntiera. Meta s-sigrieti kummerċjali jkunu friskju ta' miżapproprjazzjoni bi protezzjoni legali ineffettiva, l-inċentivi biex wieħed jipparteċipa f'attivitajiet ta' innovazzjoni (inluż fi skala transfruntiera) jkunu affettwati minħabba (i) il-valur mistenni aktar baxx tal-innovazzjoni li tkun tistrieħ fuq is-sigriet kummerċjali u l-kostijiet oġġla għall-protezzjoni tiegħu; u (ii) ir-riskju oġġla tan-negozju meta wieħed jikkondividi sigrieti kummerċjali. Pereżempju, 40 % tal-kumpaniji tal-UE joqogħdu lura milli jikkondividu sigrieti kummerċjali ma' partijiet oħra minħabba li jibzġhu li jtilfu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni permezz ta' użu ħażin jew ir-rilaxx mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom. Dan jimpedixxi l-innovazzjoni u b'mod partikolari r-riċerka kollaborattiva u l-innovazzjoni miftuħa li teħtieġ il-kondiviżjoni ta' informazzjoni prezzjuża minn diversi imsieħba tan-negozju u r-riċerka.
- Il-vantaġġi kompetittivi bbażati fuq is-sigrieti kummerċjali huma fil-periklu (kompetittività mnaqqsa): il-protezzjoni legali frammentata fi ħdan l-UE ma tiggarrantixx amibitu komparabbli ta' protezzjoni u livell ta' rimedju fi ħdan is-Suq Intern, b'hekk il-vantaġġi kompetittivi bbażati fuq is-sigrieti kummerċjali, jekk ikun relatati mal-innovazzjoni jew le, jiġu fil-periklu u dan jimmina l-kompetittività tas-sidien tas-sigrieti kummerċjali. Pereżempju, l-industrija Ewropea

tal-kimika, li tiddependi b'mod qawwi fuq l-innovazzjonijiet tal-proċessi assicurati bis-sigrieti kummerċjali, tistma li l-miżapproprjazzjoni ta' sigriet kummerċjali tista' ta' spiss twassal għal tnaqqis fil-fatturat ta' 30 %.

L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li jiġi żgurat li l-kompettitività tal-korpi Ewrope tan-negozju u r-riċerka li hija bbażata fuq kompetenzi u informazzjoni mhux żvelata (sigrieti kummerċjali) tkun protetta kif imiss u li jitjiebu l-kundizzjonijiet/il-qafas għall-iżvilupp u l-isfruttament tal-innovazzjoni u għat-trasferiment tal-għarfien fi hdanis-Suq Intern.. B'mod speċifiku, hi timmira li ttejjeb l-effikaċja tal-protezzjoni legali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali madwar is-Suq Intern.

L-għażliet possibbli li ġejjin biex tissolva l-problema ġew meqjusa:

- Status quo.
- Il-forniment tal-informazzjoni u l-qawmien ta' kuxjenza dwar il-miżuri, proċeduri u rimedji nazzjonali disponibbli kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.
- Il-konverġenza tal-liġi ċivili nazzjonali fir-rigward tal-illegalità tal-atti ta' miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali (imma r-regoli dwar ir-rimedji u l-preservazzjoni dwar il-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali waqt proċeduri legali li għandhom jiġu deċiżi f'livell nazzjonali).
- Konverġenza tar-rimedji tad-dritt ċivili nazzjonali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali u r-regoli dwar iż-żamma tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul u wara l-proċedimenti legali (minbarra l-alternattiva 3).
- Il-konverġenza tal-liġi kriminali nazzjonali minbarra konverġenza tal-liġi ċivili (għażla 4), inkluż regolamentazzjoni dwar pieni kriminali minimi.

Il-valutazzjoni tal-imaptt ikkonkludiet li l-alternattiva 4 se tkun proporzjonata u tkun l-aħjar biex jinkisbu l-objettivi magħżula.

F'termini tal-impatti, il-konverġenza tar-rimedji tal-liġi ċivili se tippermetti li n-negozji innovattivi jiddefendu sigrieti kummerċjali leġittimi tagħhom b'mod aktar effettiv madwar l-UE. Barra minn hekk, jekk is-sidien tas-sigrieti kummerċjali waqt il-proċedimenti jistgħu jiddependu fuq il-kunfidenzjalità, huma jkunu aktar inklinati li jfittxu protezzjoni legali kontra l-ħsarat potenzjali permezz ta' miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali. Aktar ċertezza legali u konverġenza tal-liġijiet għandha tikkontribwixxi biex jiżdied il-valur tal-innovazzjonijiet li l-kumpaniji jippruvaw jiproteġu bħala sigrieti kummerċjali, minħabba li jitnaqqsu r-riskji ta' miżapproprjazzjoni. Jirriżultaw impatti pożittivi fuq il-funzjonament tas-Suq Intern hekk kif il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u r-riċerkaturi se jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar tal-ideat innovattivi tagħhom stess billi jikkooperaw mal-aqwa soċji fl-UE, u b'hekk ikun hemm għajjnuna biex jiżdied l-investiment tas-settur privat fir-R&Ż fi ħdan is-Suq Intern. Fl-istess ħin, il-kompetizzjoni ma għandhiex tkun ristretta peress li ma hu qed jingħata l-ebda dritt esklussiv u kull kompetitur huwa liberu li indipendentement jikseb l-għarfien mħares mis-sigriet kummerċjali (inkluż permezz ta' dekkompilazzjoni). Bl-istess mod, l-ingaġġar u l-mobilità ta' ħaddiema b'ħiliet għolja (daww li għandhom aċċess għal sigrieti kummerċjali) fi ħdan is-Suq Intern ma għandhomx jiġu affettwati b'mod negattiv. Dan għandu jkollu, fuq tul ta' żmien, effetti pożittivi fuq il-kompetittività u t-tkabbir tal-ekonomija tal-UE. Din l-inizjattiva ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, l-inizjattiva se tippromwovi d-dritt għall-proprjetà u d-dritt li wieħed

imexxi negozju. F'termini ta' aċċess għal dokumenti fi proċedimenti ġudizzjarji iddaħħlu fis-seħħ salvagwardji sabiex jipproteġu d-dritt ta' difiża. L-inizjattiva fiha wkoll salvagwardji biex jiżguraw li d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni jkun garantit.

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-obbligi internazzjonali (jiġifieri l-Ftehim dwar l-Aspetti Marbuta mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intelletwali (il-Ftehim TRIPS)). L-imsieħba kummerċjali ewlenin għandhom leġislazzjoni simili dwar din il-kwistjoni.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għall-adozzjoni ta' regoli tal-UE li jarmonizzaw il-leġislazzjoni nazzjonali, kull meta jkun meħtieġ għall-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern. L-oġġettiv ta' din il-proposta hu li tistabbilixxi livell ta' rimedju suffiċjenti u komparabbli fis-Suq Intern kollu f'każ ta' miżapproprjazzjoni ta' sigriet kummerċjali (filwaqt li tipprovdi salvagwardji suffiċjenti biex tipprevjeni mgħiba abbużiva). Ir-regoli nazzjonali eżistenti joffru livell inekwu ta' protezzjoni madwar l-UE kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigriet kummerċjali, li tipperikola l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern għal informazzjoni u kompetenza. Tabilħaqq, sabiex jintlaħaq il-potenzjal kollu tagħha bħala ass ekonomiku, l-informazzjoni prezzjuża (bħal proċessi ta' manifatturar, sustanzi u materjali ġodda, teknoloġija mingħajr privati, soluzzjonijiet tan-negozju) għandha tkun trasferibbli, b'mod kunfidenzjali, minħabba li jista' jkollha użu differenti għal atturi differenti f'reġjuni ġeografiċi differenti, u b'hekk jiġi ġġenerat introjtu għall-awturi u li tiġi permessa allokkazzjoni effiċjenti ta' riżorsi. Il-qafas legali mferrex ukoll inaqas l-inċentivi biex jitwettqu attivitajiet transfruntiera relatati mal-innovazzjoni li jiddependu fuq l-użu ta' informazzjoni protetta bħala sigriet kummerċjali, bħal stabbiliment fi Stat Membru differenti għall-finijiet ta' manifattura jew kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti/servizzi bbażati fuq sigriet kummerċjali, il-forniment ta' oġġetti/servizzi lil kumpanija fi Stat Membru ieħor jew l-esternalizzazzjoni tal-manufattura lil kumpanija oħra fi Stat Membru ieħor. F'dawk is-sitwazzjonijiet, jekk is-sigriet kummerċjali huwa miżapproprjat f'pajjiż ieħor b'livell aktar baxx ta' protezzjoni, l-oġġetti kontravventorji jistgħu jinfirxu mas-suq kollu. Ir-regoli nazzjonali eżistenti b'hekk irendu netwerk transfruntier tal-R&D u l-innovazzjoni anqas attraenti u aktar diffiċli. Dawn joħlqu ukoll riskju akbar ta' negozju fi Stati Membri b'livelli iktar baxxi ta' protezzjoni, b'effetti negattivi fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi għax, fuq naħa waħda, l-inċentivi għall-kummerċ transfruntier jonqsu, u min-naħa l-oħra, l-“oġġetti kontravventorji” li joriġinaw minn dawk l-Istati Membri (jew importati minnhom) jistgħu jinfirxu madwar is-Suq Intern. Il-proposta għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera tar-R&Ż: protezzjoni ċara, soda u livellata ta' sigriet kummerċjali kontra l-miżapproprjazzjoni tippromwovi kondiviżjoni u trasferiment transfruntier ta' informazzjoni u kompetenza kunfidenzjali tan-negozju billi titnaqqas il-perċezzjoni ta' riskji u kostijiet ta' tranżazzjoni assoċjati mal-ittrattat ta' leġislazzjonijiet multipli. Għandha wkoll ittejjeb l-inċentivi għall-kummerċ transfruntier, grazzi għat-tnaqqis tal-kompetizzjoni inġusta minn dawk li jridu jieħdu rikba b'xejn fl-ispazju tas-suq transfruntier.

F'termini ta' sussidjarjetà, il-problemi identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt huma misjuqa mid-diversità u l-inkonsistenza tal-qafas regolatorju eżistenti li ma jiżgurax kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE b'konsegwenzi negattivi fuq il-kompetittività tagħhom u dik tal-UE bħala entità sħiħa. Il-kisba ta' konsistenza akbar b'miżuri ta' rimedju madwar l-Istati Membri hija ċentrali sabiex dawk il-problemi jiġu indirizzati. Madankollu l-inkonsistenza bħal din ma tistax tinkiseb permezz ta' azzjoni li tittieħed biss fil-livell tal-Istat Membru: f'dan il-qasam l-esperjenza titlob li anke meta l-Istati Membri jkunu sa ċertu punt ikkoordinati,

pereżempju bil-Ftehim TRIPS, jibqa' ma jintlaħaqx grad sostanzjali ta' armonizzazzjoni sostantiva. Għalhekk, l-iskala meħtieġa u l-effetti tal-azzjoni proposta huma fil-livell tal-UE.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea. L-azzjonijiet kollha proposti biex jittieħdu mill-Kummissjoni f'din il-proposta huma konsistenti u kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid 2014-2020.

5. SPJEGAZZJONI TAL-PROPOSTA

5.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

Kapitolu 1 jiddefinixxi s-suġġett in kwistjoni (Artikolu 1): id-Direttiva tapplika għall-akkwist, l-iżvelar u l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali u l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji li għandhom ikunu disponibbli għall-finijiet ta' rimedju tal-liġi ċivili.

Anke fil-Kapitolu I, Artikolu 2 jiddefinixxi kunċetti ewlenin. Id-definizzjoni ta' 'sigriet kummerċjali' jinkludi tliet elementi: (i) l-informazzjoni għandha tkun kunfidenzjali; (ii) għandu jkollha valur kummerċjali minħaba l-kunfidenzjalità tagħha; u (iii) id-detentur tas-sigriet kummerċjali irid ikun għamel sforzi raġonevoli biex iżommha kunfidenzjali. Din id-definizzjoni tiġi mid-definizzjoni ta' 'informazzjoni mhux żvelata' fil-Ftehim TRIPS.

Id-definizzjoni ta' 'detentur ta' sigriet kummerċjali' tinkorpora, wkoll b'seġeitu għall-Ftehim TRIPS, il-kunċett ta' kontroll legali ta' sigriet kummerċjali bħala element ewlieni. Għalhekk tiżgura li mhux biss is-sid oriġinali tas-sigriet kummerċjali iżda wkoll dawk li għandhom il-liċenzja jistgħu jiddefendu sigriet kummerċjali.

Id-definizzjoni ta' 'oġġett kontraventorju' tintegra valutazzjoni ta' proporzjonalità. L-oġġetti li huma ddisinjati, manifatturati jew ikkummerċjalizzati li għandhom kondotta illegali għandhom jibbenefikaw b'mod sinjifikanti mis-sigriet kummerċjali in kwistjoni biex jitqiesu bħala oġġetti kontraventorji. It-test għandu jintuża meta wieħed iqis kull miżura li taffettwa direttament l-oġġetti mmanifatturati jew imqiegħda mis-suq minn kontraventur.

Kapitolu II jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li taħthom l-akkwist, l-użu u l-kxif ta' sigriet kummerċjali huma illegali (Artikolu 3), b'hekk li jintitolaw lid-detentur tas-sigriet kummerċjali sabiex ifittex l-applikazzjoni tal-miżuri u rimedji previsti fid-Direttiva. L-element ewlieni għal dawk l-atti biex ikunu illegali huwa n-nuqqas ta' kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. L-Artikolu 3 jiddetermina wkoll li l-użu ta' sigriet kummerċjali minn parti terza li mhux involut direttament fl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali oriġinali, l-użu u l-iżvelar huwa wkoll illegali, kell meta dik il-parti terza kienet konxja, messha kienet taf, jew kienet avżata, bl-att illegali oriġinali. L-Artikolu 4 b'mod espliċitu jiċċara li sejbien indipendenti u dekompilazzjoni huma mezzi leġittimi biex wieħed jikseb l-informazzjoni.

5.2. Miżuri, proċeduri u rimedji

Il-Kapitolu III jistabbilixxi l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji li għandhom ikunu disponibbli għad-detentur ta' sigriet kummerċjali fil-każ ta' akkwist, użu jew żvelar illegali ta' dak is-sigriet kummerċjali minn parti terza.

Sezzjoni 1 tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal strumenti ta' infurzar ċivili sabiex jipprevjenu u jrażżnu atti ta' miżapproprijazzjoni ta' sigriet kummerċjali, notevolment l-effikaċja, il-ġustizzja u l-proporzjonalità (Artikolu 5) u ta' salvagwardji biex tiġi evitata l-litigazzjoni abbużiva (l-Artikolu 6). Artikolu 7 jistabbilixxi perjodu ta' limitazzjoni. Artikolu 8 jirrikjedi mill-Istati Membri jipprovdu l-awtoritajiet ġudizzjarji b'mekkaniżmi li jżommu l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali żvelati fil-qorti għall-iskop ta' litigazzjoni. Il-miżuri possibbli jeħtieġ li jinkludu: ir-restrizzjoni tal-aċċess għad-dokumenti ppreżentati lill-partijiet terzi, sħaħ jew parti minnhom; ir-restrizzjoni tal-aċċess għas-seduti u r-reġistrazzjonijiet tas-seduti; l-ordni għall-partijiet jew il-partijiet terzi biex iħejju verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' dokumenti li fihom sigriet kummerċjali u wkoll iħejju verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati b'mod proporzjonat sabiex id-drittijiet tal-partijiet għal smiġh xieraq ma jiġux mhedda. Il-miżuri ta' kunfidenzjalità għandhom japplikaw matul il-litigazzjoni, iżda wkoll wara litigazzjoni f'każ ta' talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti sakemm l-informazzjoni in kwistjoni tibqa' sigriet kummerċjali.

Sezzjoni 2 tipprovdi għal miżuri provviżorji u kawtelatorji fil-forma ta' inġunzjonijiet interlokutorji jew ta' konfiski prekawzjonarji ta' oġġetti kontraventorji (Artikolu 9). Tistabbilixxi wkoll salvagwardji biex tiġi żgurata ekwità u proporzjonalità ta' dawk il-miżuri provviżorji u prekawzjonarji (Artikolu 10).

Sezzjoni 3 tipprovdi għal miżuri li jistgħu jiġu ordnati mad-deċiżjoni tal-merti tal-każ. Artikolu 11 jipprovdi għall-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, il-projbizzjoni li wieħed jagħmel, joffri, jqiegħed fis-suq jew juża l-oġġetti kontraventorji (jew jimporta jew jaħżen gġetti kontraventorji għal dawk il-finijiet) u miżuri korrettivi. Il-miżuri korrettivi jirrikjedu, fost l-oħrajn, li l-kontraventur jeqred jew jibgħat lid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali l-informazzjoni kollha li jkollu fir-rigward tal-akkwistar, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali. Artikolu 12 jistabbilixxi s-salvagwardji biex jiżguraw l-ekwità u l-proporzjonalità tal-miżuri previsti fl-Artikolu 11.

L-ġhoti ta' danni għall-ħsara li jsufri d-detentur tas-sigriet kummerċjali illegali bħala konsegwenza tal-akkwistat, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali tiegħu huwa minqux fl-Artikolu 13, li jitlob għall-kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, inkluż il-qliġh inġust li jinkiseb mill-konvenut. Il-possibbiltà li jiġu kkalkulati d-danni fuq il-bażi ta' royalties ipotetiċi hija disponibbli wkoll, f'konformità ma' dak li hu previst fil-każ ta' ksur ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Artikolu 14 jagħti s-setgħa l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex jadottaw miżuri ta' pubbliċità fuq talba tal-attur, inkluża l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq il-merti tal-każ — sakemm ma jiġix żvelat is-sigriet kummerċjali u wara li tiġi kkunsidrata l-proporzjonalità tal-miżura.

Id-Direttiva ma tintegrax regoli dwar l-infurzar transkonfinali ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji kif ir-regoli ġenerali tal-UE dwar din il-kwistjoni japplikaw, u jippermettu l-infurzar fl-Istati Membri kollha ta' sentenza tal-Qorti li jipprojbixxu l-importazzjoni fl-UE ta' oġġetti infrazzjonarji.

5.3. Sanzjonijiet, rappurtar u dispożizzjonijiet finali

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva u l-issodisfar tal-oġġettivi mixtieqa, Kapitolu IV jipprevedi l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet f'każ tan-nonkonformità mal-miżuri previsti fil-Kapitolu III u jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar.

Il-Kummissjoni tqis li, skont id-dikjarazzjonijiet konġunti dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni², ma hemmx argumenti biżżejjed biex formalment titlob dokumenti ta' spjegazzjoni mill-Istati Membri biex jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-kontenut ta' din id-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Minn perspettiva teknika, id-Direttiva mhijiex partikolarment kumplessa, tinkludi biss għadd limitat ta' obbligi legali li jirrikjedu traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u tittratta kwistjoni delimitata sew li diġà kienet irregolata fuq livell nazzjonali fir-rigward tal-qasam viċin tal-IPRs. Għalhekk, it-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali ma tkunx mistennija li tkun ikkumplikata u dan għandu jħaffef il-monitoraġġ ta' tali traspożizzjoni.

² ĠU C 369 of 17.12.2011, p.14-15.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³.

Wara li kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta⁴,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva ,

Billi:

- (1) Negozji u istituzzjonijiet ta' riċerka mhux kummerċjali jinvestu fl-akkwist, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kompetenza u informazzjoni, li hija l-ingredjent ewlieni tal-ekonomija tal-għarfien. Dan l-investment fil-ġenerazzjoni u l-applikazzjoni ta' kapital intellettwali jiddetermina l-kompetittività tagħhom fis-suq u għalhekk il-qliġ tagħhom mill-investment, li huwa l-motivazzjoni fil-bażi tar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju. In-negozji jirrikorru għal mezzi differenti biex jaddattaw ir-riżultati tal-attivitajiet innovattivi tagħhom meta il-ftuħ ma jippermettix l-isfruttament sħiħ tal-investimenti tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni. L-użu ta' drittijiet formali ta' proprjetà intellettwali bħal privattivi, drittijiet ta' disinn jew drittijiet tal-awtur hija waħda minn dawn l-attivitajiet. Attività oħra hi l-protezzjoni tal-aċċess u l-isfruttament tal-għarfien li huma ta' valur għall-entità u mhux magħrufa ħafna. Tali kompetenza u informazzjoni kummerċjali, li tinżamm mistura u bl-intenzjoni li tibqa' kunfidenzjali tissejjaħ sigriet kummerċjali. In-negozji, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jagħtu valur lis-sigrieti kummerċjali daqs il-privattivi u forom oħra ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u jużaw il-kunfidenzjalità bħal għodda ta' ġestjoni tal-innovazzjoni tan-negozju u r-riċerka u , li jkopri firxa diversifikata ta' informazzjoni, li jestendi lil hinn

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

mit-tagħrif teknoloġiku għal dejta kummerċjali bħal informazzjoni fuq il-konsumaturi u l-fornituri, pjanijiet tan-negozju jew riċerka u strateġijiet-suq. Bil-protezzjoni ta' firxa wiesgħa ta' kompetenzi u informazzjoni kummerċjali, kemm bħala ħaġa kumplimentari jew bħala alternattiva għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, is-sigriet kummerċjali jippermettu lill-awtur li jikseb profitt mill-ħolqien u l-innovazzjonijiet tiegħu u għalhekk huwa partikolarment importanti għar-riċerka u l-iżvilupp u l-prestazzjoni innovattiva.

- (2) Innovazzjoni miftuħa hija lieva importanti għall-ħolqien ta' għarfien ġdid u tinfed l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi bbażati fuq l-użu ta' għarfien maħlud b'mod konġunt. Sigriet kummerċjali għandhom rwol importanti fil-ħarsien tal-iskambju tal-għarfien bejn in-negozji fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tas-suq intern fil-kuntest tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Ir-riċerka kollaborattiva, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera, hija partikolarment importanti biex iżżid il-livelli ta' riċerka u żvilupp tan-negozju fi ħdan is-suq intern. Innovazzjoni miftuħa hija katalist għal ideat ġodda biex isibu triqthom lejn is-suq biex jissodisfaw il-ħtiġiet tal-konsumaturi u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà. F'suq intern fejn ostakoli għal tali kollaborazzjoni transkonfinali huma minimizzati u fejn il-kooperazzjoni ma tiġix distorta, il-kreazzjoni intellettuali u l-innovazzjoni għandhom ihegħu investiment fi proċessi, servizzi u prodotti innovattivi. Tali ambjent li jwassal għall-kreattività intellettuali u l-innovazzjoni huwa importanti wkoll għat-tkabbir fl-impjiegi u titjib tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni. Is-sigriet kummerċjali huma fost l-aktar forma użata ta' protezzjoni tal-kreazzjoni intellettuali u tal-kompetenza innovattiva min-negozji, iżda huma fl-istess ħin l-inqas protetti minn qafas legali tal-Unjoni eżistenti kontra l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali minn partijiet terzi.
- (3) Negozji innovattivi huma dejjem aktar esposti għal prattiki qarrieqa bil-għan li jużaw b'mod qarrieq sigriet kummerċjali, bħal serq, ikkupjar mhux awtorizzat, spjunaġġ ekonomiku, ksur tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Unjoni. Żviluppi riċenti, bħalma huma l-globalizzazzjoni, iż-żieda fl-esternalizzazzjoni, perjodi itwal ta' katini tal-provvista, użu akbar ta' teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni, jikkontribwixxu biex jiżdied ir-riskju ta' dawk il-prattiki. L-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali jikkompromettu l-abiltà leġittima tad-detentur tas-sigriet li jinkiseb redditu tal-prekursur bl-użu tal-outputs tal-isforzi innovattivi tiegħu. Mingħajr mezzi legali effettivi u komparabbli biex jiddefendu s-sigriet kummerċjali madwar l-Unjoni, huma mhedda l-inċentivi innovattivi biex wieħed jinvolvi ruħu f'attività transkonfinali fi ħdan is-suq intern u s-sigriet tal-kummerċ ma humiex f'pożizzjoni li jilhq l-potenzjal tagħhom bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Għalhekk, l-innovazzjoni u l-kreattività huma skoraġġiti u l-investiment jonqos, u dan jaffettwa l-funzjonament mingħajr skossi tas-suq intern u jimmina l-potenzjal tiegħu li jsaħħaħ it-tkabbir.
- (4) L-isforzi internazzjonali meħuda fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tiġi indirizzata din il-problema wasslu għall-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tal-Proprjetà Intellettuali (il-Ftehim TRIPS). Dan tinkludi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali kontra l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn partijiet terzi, li huma

standards internazzjonali komuni. L-Istati Membri kollha, kif ukoll l-Unjoni nnifisha, huma marbuta b'dan il-Ftehim li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE⁵.

- (5) Minkejja l-Ftehim TRIPS, hemm differenzi importanti fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn persuni oħra. Għalhekk, pereżempju, mhux l-Istati Membri kollha adottaw definizzjonijiet nazzjonali tas-sigrieti kummerċjali u/jew l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali, u b'hekk l-ambitu tal-protezzjoni mhuwix faċilment aċċessibbli u huwa differenti madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, ma hemmx konsistenza fir-rigward tar-rimedji disponibbli tal-liġi ċivili fil-każ tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u l-ordnijiet ta' waqfien u ebda tkomplija mhux dejjem ikunu disponibbli fl-Istati Membri kollha kontra partijiet terzi li ma jkunux kompetituri tad-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali. Id-diverġenzi jeżistu wkoll madwar l-Istati Membri fir-rigward tat-trattament ta' partijiet terzi li akkwistaw sigriet kummerċjali in bona fede iżda sussegwentement jiskopru, waqt l-użu, li l-akkwist tagħhom ġie minn l-akkwist illegali preċedenti ta' parti oħra.
- (6) Ir-regoli nazzjonali jvarjaw ukoll dwar jekk id-detenturi leġittimi ta' sigriet kummerċjali jistgħux ifittxu l-qerda ta' prodotti mmanifatturati minn partijiet terzi li jużaw illegalment sigrieti kummerċjali jew ir-ritorn jew il-qerda ta' kwalunkwe dokumenti, fajls jew materjal li jkun fihom jew li jimplimentaw l-akkwist jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar il-kalkolu ta' danni mhux dejjem iqisu n-natura intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, li jagħmilha diffiċli biex wieħed juri l-profitti attwali mitlufa jew l-arrikkiment inġust tal-kontraventur fejn l-ebda valur fis-suq jista' jiġi stabbilit għall-informazzjoni inkwistjoni. Ftit Stati Membri biss jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli astratti dwar il-kalkolu tad-danni fuq il-bażi ta' royalty jew jew miżata raġonevoli li setgħet kienet dovuta li kieku kienet teżisti liċenzja għall-użu tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, diversi regoli ta' Stati Membri ma jggarantixxux il-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali jekk id-detentur tas-sigriet kummerċjali jintroduċi pretensjoni għal allegat akkwist, użu jew żvelara illegali ta' sigriet kummerċjali minn parti terza, u b'hekk titnaqqas l-attrazzjoni tal-miżuri u r-rimedji eżistenti u tiddgħajf il-protezzjoni offruta.
- (7) Id-differenzi fil-protezzjoni legali tas-sigrieti kummerċjali previsti mill-Istati Membri jimplikaw li s-sigrieti kummerċjali ma jgawdux livell ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, ħaġa li twassal għal frammentazzjoni tas-suq intern f'dan il-qasam u li jiddgħajf b'mod ġenerali l-effett diswassiv ir-regoli. Is-suq intern huwa affettwat sa fejn u sakemm dawn id-differenzi jnaqqsu l-inċentivi tan-negozji li jidħlu għal attività innovattiva relatata transkonfinali, inkluża kooperazzjoni ta' riċerka jew manifattura ma' imsieħba, esternalizzazzjoni jew investiment fi Stati Membri oħra, li jiddependu mill-użu tal-informazzjoni protetta bħala sigriet kummerċjali. Riċerka u żvilupp transkonfinali kif ukoll attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, inkluż kummerċ relatat mal-manifattura u sussegwentement ta' natura transkonfinali, se jsiru anqas attraenti u aktar diffiċli fl-Unjoni, u b'hekk naslu għal ineffiċjenzi relatati mal-innovazzjoni fuq l-iskala tal-Unjoni. Barra minn hekk, jidher riskju akbar ta' negozju

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunita Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

fi Stati Membri b'livelli komparattivament iktar baxxi ta' protezzjoni, fejn is-sigriet tal-kummerċ jistgħu jinsterqu jew akkwistati b'xi mod ieħor illegali ieħor iktar faċilment. Dan iwassal għal allokazżjoni ineffiċjenti tal-kapital għal innovazzjoni li ssaħħaħ it-tkabbir fi ħdan is-suq intern minħabba n-nefqa akbar fuq miżuri protettivi li jikkumpensaw għan-nuqqas ta' protezzjoni legali insuffiċjenti f'xi Stati Membri. Dan jiffavorixxi wkoll attività ta' kompetituri inġusti li wara l-akkwist illegali tas-sigriet kummerċjali jistgħu jifirxu l-oġġetti riżultanti fis-suq intern kollu. Differenzi ta' reġim leġislattiv jiffaċilitaw ukoll l-importazzjoni ta' oġġetti minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni permezz ta' punti ta' dħul bi protezzjoni aktar dgħajfa, meta d-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' daww l-oġġetti jiddependu fuq sigriet kummerċjali misruqa jew akkwistati illegalment b'mod ieħor. B'mod ġenerali, dawn id-differenzi joħolqu ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

- (8) Huwa xieraq li jkun hemm provvedimenti għal regoli fil-livell tal-Unjoni biex jiġu approssimati s-sistemi leġislattivi nazzjonali sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell ta' rimedju suffiċjenti u konsistenti fis-suq intern kollu fil-każ ta' akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Għal dan l-għan, huwa importanti li wieħed jistabbilixxi definizzjoni omoġenea ta' sigriet kummerċjali mingħajr ma jirrestrinġi s-suġġett in kwistjoni għal protezzjoni kontra l-mizappropriazzjoni. Din id-definizzjoni għandha għalhekk tiġi mibnija b'tali mod li tkopri l-informazzjoni tan-negozju, informazzjoni u kompetenza teknoloġika fejn hemm kemm interess leġittimu li tinżamm kunfidenzjalità kif ukoll aspettattiva leġittima fil-preservazzjoni ta' tali kunfidenzjalità. Min-natura tagħha, din id-definizzjoni għandha teskludi informazzjoni trivjali u ma għandiex testendi għall-għarfien u l-ħiliet miksuba mill-impjegati fil-kors normali tal-impjieg tagħhom u li huma magħrufa jew aċċessibbli għal persuni li ġeneralment jittrattaw din it-tip ta' informazzjoni.
- (9) Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati ċ-ċirkostanzi li taħthom il-protezzjoni legali hija ġġustifikata. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kondotta u prattiki li għandhom jitqiesu bħala akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. L-iżvelar mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ta' informazzjoni relatata man-negozju li jkollhom skont l-obbligi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jew għal regoli oħra dwar l-aċċess għal dokumenti m'għandux ikun meqjus bħala żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali.
- (10) Fl-interess tal-innovazzjoni u biex titrawwem il-kompetizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx joħolqu l-ebda dritt esklussiv fuq l-għarfien jew il-kompetenza protetta bħala sigriet kummerċjali. Għalhekk, l-iskoperta indipendenti tal-istess kompetenza u informazzjoni tibqa' possibbli u l-kompetituri tad-detentur tas-sigriet kummerċjali huma wkoll liberi li jwettqu dekkompilazzjoni ta' kwalunkwe prodott akkwistat legalment.
- (11) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri u r-rimedji maħsuba biex jipproteġu s-sigriet kummerċjali għandhom ikunu mfassla sabiex jissodisfaw l-oġġettiv tal-funzjonament tas-suq intern bla xkiel għar-riċerka u l-innovazzjoni mingħajr ma jipperikolaw l-għanijiet u l-prinċipji l-oħra ta' interess pubbliku. F'dan ir-rigward, il-miżuri u r-rimedji jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jagħtu

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43).

kont tal-valur ta' sigriet kummerċjali, is-serjetà tal-kondotta li tirriżulta fl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegli ta' sigriet kummerċjali kif ukoll l-impatt ta' kondotta bħal din. Għandu jiġi żgurat ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jingħataw id-diskrezzjoni li jiżnu l-interessi tal-partijiet involuti fit-tilwima, kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi inkluż, fejn xieraq, il-konsumaturi.

- (12) Il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiġi imminat jekk il-miżuri u r-rimedji previsti jintużaw biex ikunu segwiti għanijiet illeġittimi inkompatibbli mal-oġettivi ta' din id-Direttiva. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom is-setgħa li jissanzjonaw imġiba abbużiva mir-rikorrent li jaġixxi in mala fede u jippreżenta applikazzjonijiet manifestament bla bażi. Huwa importanti wkoll li l-miżuri u r-rimedji previsti m'għandhomx jirrestrinġu l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni (li tinkludi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja kif rifless fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) jew attività ta' kxif ta' qerq. Għalhekk il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali m'għandhiex tiġi estiża għal każijiet fejn l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali jservi l-interess pubbliku safejn hu kkonċernat l-iżvelar tal-kondotta jew l-għemil ħażin relevanti.
- (13) Fl-interess taċ-ċertezza legali u meta wieħed iqis li d-detenturi leġittimi tas-sigriet kummerċjali huma mistennija li jeżerċitaw id-dmir li joqgħodu attenti fir-rigward tal-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali siewja tagħhom u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom, jidher xieraq li wieħed jirrestrinġi l-possibbiltà li jinbdew azzjonijiet għall-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali għal perjodu limitat wara d-data li fiha d-detenturi tas-sigriet kummerċjali jsiru jafu, jew ikollhom raġuni biex isiru jafu, bl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali tagħhom minn parti terza.
- (14) Il-prospett li jitilfu l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali matul proċeduri kontenzjużi spiss jiskoraġġixxi lid-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali milli jibda proċeduri sabiex jiddefendi s-sigriet kummerċjali, u dan jipperikola l-effikaċja tal-miżuri u r-rimedji previsti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġi stabbiliti, soġġett għal salvagwardji xierqa li jiżguraw id-dritt għal proċess ġust, rekwiżiti speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali li jitressqu fil-kors ta' proċedimenti legali istitwiti għad-difiża tiegħu. Dawn għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġi limitat l-aċċess għal provi jew seduti, jew li jiġi ppubblikati biss elementi mhux kunfidenzjali ta' deċizzjonijiet ġudizzjarji. Protezzjoni bħal din għandha tibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali għat-tul ta' żmien li fih l-informazzjoni li tkun koperta mis-sigriet kummerċjali ma tkunx fl-isfera pubblika.
- (15) L-akkwist illegali ta' sigriet kummerċjali minn parti terza jista' jkollu effetti devastanti fuq id-detentur leġittimu tiegħu minħabba li għal darbija jiġi żvelat pubblikament ikun impossibbli għal dak id-detentur li jmur lura għas-sitwazzjoni ta' qabel it-telf tas-sigriet kummerċjali. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm provvediment għalmiżuri interim fil-pront u aċċessibbli għat-terminazzjoni immedjata tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Tali rimedju għandu jkun disponibbli mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn jistenna deċizzjoni dwar is-sustanza tal-każ, b'rispett dovut għad-drittijiet tad-difiża u l-prinċipju ta' proporzjonalità filwaqt li jiġi kkunsidrat l-karatteristiċi tal-każ in kwistjoni. Garanziji ta' livell għoli biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż u l-ħsara kkawżata lill-intimat permezz ta' talba mhux ġustifikata jistgħu jkun meħtieġa wkoll, partikolarment fejn kull dewmien jista' jikkawża danni irreparabbli għad-detentur leġittimu ta' sigriet kummerċjali.

- (16) Għall-istess raġuni, huwa importanti wkoll li jkun hemm disposizzjoni għal miżuri li jipprevjenu aktar użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Sabiex il-miżuri projbittivi jkunu effettivi, it-tul ta' żmien tagħhom, meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu limitu ta' żmien, għandu jkun biżżejjed biex jelimina kwalunkwe vantaġġ kummerċjali li l-parti terza setgħet tikseb mill-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Fi kwalunkwe każ, l-ebda miżura ta' dan it-tip ma għandha tkun infurzabbli jekk l-informazzjoni oriġinarjament koperta mis-sigriet kummerċjali hija fid-dominju pubbliku għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.
- (17) Sigriet kummerċjali jista' jiġi użat illegalment għad-disinn, il-manifattura jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti, jew komponenti tagħhom, li jistgħu jinfirxu mas-suq intern kollu, u b'hekk jaffettwaw l-interessi kummerċjali tad-detentur tas-sigriet kummerċjali u l-funzjonament tas-suq intern. F'dawk il-każijiet u meta s-sigriet kummerċjali in kwistjoni għandu impatt sinifikanti fuq il-kwalità, il-valur jew il-prezz tal-oġġett riżultanti jew fuq it-tnaqqis tal-kost, l-iffaċilitar jew li it-tħaffif tal-manifattura tiegħu jew il-proċessi tal-kummerċjalizzazzjoni, huwa importanti li l-awtoritajiet ġudizzjarji jingħataw is-setgħa biex jordnaw miżuri xierqa bil-ħsieb li jiżguraw li dawk il-prodotti ma jitqegħdux fis-suq jew jitneħħew minnu. Meta tittieħed f'kunsiderazzjoni in-natura globali tal-kummerċ, huwa wkoll meħtieġ li dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti fl-Unjoni jew il-ħażna tagħhom għall-għoti jew it-tqegħid tagħhom fis-suq. Wara li ġie kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri korrettivi ma għandhom neċessarjament iwasslu għall-qerda tal-oġġetti meta għażliet vijabbli oħra huma preżenti, bħal li wieħed iċaħħad lill-oġġett mill-kwalità tal-infrazzjoni tiegħu jew id-dispożizzjoni tal-oġġetti 'il barra mis-suq, pereżempju, permezz ta' donazzjonijiet li minn organizzazzjonijiet tal-karità.
- (18) Persuna oriġinarjament setgħet akkwistat sigriet kummerċjali in bona fede iżda kien fi stadju aktar tard li saret konxja, inkluż permezz ta' avviż ippreżentat mid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali, li l-għarfien tagħha tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni kien derivat minn sorsi li użaw jew żvelaw sigriet kummerċjali rilevanti b'tali mod li tikser il-liġi. Sabiex jiġi evitat li f'dawn iċ-ċirkostanzi il-miżuri korrettivi jew inġunzjonijiet pprovduti jistgħu jikkawżaw dannu sproporzjonat lil dik il-persuna, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà, f'każijiet xierqa, ta' kumpens fi flus mogħtija lill-parti danneġġjata bħala miżura alternattiva, sakemm tali kumpens ma jaqbiżx l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkunu dovuti kieku dik il-persuna kisbet awtorizzazzjoni biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu l-użu tas-sigriet kummerċjali seta' ġie evitat mid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali. Madankollu, fejn l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali jikkostitwixxi infrazzjoni ta' liġi lil hinn minn dak previst f'din id-Direttiva jew li x'aktarx ikun ta' dannu għall-konsumaturi, tali użu illegali m'għandux ikun permess.
- (19) Sabiex jiġi evitat li persuna li konxjament, jew li kellha raġunijiet serji biex tkun taf, takkwista, tuża jew tiżvela illegalment sigriet kummerċjali tibbenefika minn kondotta ta' dan it-tip u biex jiġi żgurat li detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat, sa fejn ikun possibbli, jitqiegħed f'pożizzjoni li fiha kien ikun li kieku l-kondotta ma seħħitx, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għal kumpens adegwat tal-preġudizzju li sofrta bħala riżultat ta' kondotta illegali. L-ammont ta' danni mogħtija lil detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat għandu jqis il-fatturi pertinenti kollha, bħal telf ta' dħul imġarrab mid-detentur ta' sigriet kummerċjali jew qligħ inġust li jkun għamel il-kontraventur u, fejn xieraq, kwalunkwe preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur ta'

sigriet kummerċjali. Bhalta alternattiva, pereżempju fejn, meta wieħed iqis in-natura intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, jkun diffiċli li wieħed jiddetermina l-ammont tal-preġudizzju attwali li għe soffert, l-ammont tad-danni jista' joħroġ minn elementi bħar-royalties jew il-miżati li kienu jkunu dovuti kieku l-kontraventur kien talab l-awtorizzazzjoni biex juża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni. L-għan huwa li ma tiġix introdotta obbligazzjoni biex tippovdi għall-ħsara punitiva imma biex tiżgura kumpens ibbażat fuq kriterji oġġettivi waqt li tikkunsidra l-ispejjeż li jkun bata d-detentur tas-sigriet kummerċjali, bħall-ispejjeż ta' identifikazzjoni u riċerka.

- (20) Sabiex ikun hemm deterrent supplimentari kontra l-kontraventuri futuri u biex ikun hemm kontribut għal kuxjenza tal-pubbliku ġenerali, huwa utli li wieħed jippubbliċizza deċiżjonijiet, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' reklami prominenti, f'każijiet li jikkonċernaw l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tirriżultax fl-iżvelar tas-sigrieti kummerċjali u lanqas ma teffettwa b'mod sproporzjonat il-privatezza u r-reputazzjoni ta' persuni fiżiċi.
- (21) L-effettività tal-miżuri u rimedji disponibbli għad-detenturi tas-sigrieti kummerċjali jistgħu jkunu mminati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġi żgurat li daww l-awtoritajiet ikollhom is-setgħat xierqa ta' sanzjoni.
- (22) Sabiex tiġi ffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, huwa xieraq li jiġu pprovduti sistemi ta' kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq in-naħa l-oħra, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' netwerk ta' korrispondenti maħtura mill-Istati Membri. Barra minn hekk, bil-għan li jiġi rieżaminat jekk dawn il-miżuri jissodisfawx l-għanijiet maħsuba għalihom, il-Kummissjoni, megħjuna, kif xieraq, mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandha teżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-effettività tal-miżuri nazzjonali meħuda.
- (23) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-libertà tal-għażla tal-mestier u d-dritt għax-xogħol, il-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, aċċess għall-fajl u l-preservazzjoni tas-segretezza tan-negozju, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u d-dritt għal difiża.
- (24) Huwa importanti li d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali ta' kwalunkwe persuna involuta f'litigazzjoni li tikkonċerna l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u li d-dejta personali tagħhom hija pproċessata huma rrispettati. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali li jsir fl-Istati Membri fil-kuntest ta' din id-Direttiva u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet indipendenti pubbliċi maħtura mill-Istati Membri.

⁷

Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [dejta] (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

- (25) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, biex is-suq intern jiffunzjona mingħajr skossi permezz tal-istabbiliment ta' rimedju suffiċjenti u ta' livell komparabbli fis-suq intern kollu fil-każ ta' akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi f'dak l-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx aktar milli neċessarju biex jintlaħaq l-objettiv.
- (26) Din id-Direttiva m'għandux ikolla l-mira li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-koperazzjoni gudiżżjarja, ġurisdizzjoni, rikonossiment u infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, jew li tittratta mal-liġi applikabbli. Strumenti oħra tal-Unjoni li jirregolaw affarijiet bħal dawn f'termini ġenerali, fil-prinċipju, għandhom jibqgħu ugwalmment applikabbli għall-qasam kopert minn din id-Direttiva.
- (27) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-liġi tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva m'għandhomx ikunu użati biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni mingħajr bżonn f'manjiera li jmur kontra dak it-Trattat.
- (28) Il-miżuri adottati sabiex iħarsu l-akkwist, l-iżvelar u l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra rilevanti f'oqsma oħra inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, il-privatezza, l-aċċess għad-dokumenti u liġi ta' kuntratt. Madankollu, fejn l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u l-ambitu ta' din id-Direttiva jidħlu f'xulxin, din id-Direttiva tiegħu preċedenza bħala lex specialis.

ADOPTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1 *Suġġett*

Din id-Direttiva tistipula regoli dwar il-protezzjoni kontra l-akkwist, l-iżvelar u l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali.

Artikolu 2 *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

⁸ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (ĠU L157, 30.4.2004, p.45).

- (1) 'sigriet kummerċjali' jfisser informazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (a) hu sigriet fis-sens li mhux, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni preċiża u l-assemblaġġ tal-komponenti tiegħu, magħruf ġeneralment jew aċċessibbli b'mod faċli lill-persuni li ġeneralment jitrattaw din it-tip ta' informazzjoni;
 - (b) għandu valur kummerċjali minħabba li hu sigriet;
 - (c) kien soġġett għal passi raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali ta' l-informazzjoni, biex jinżamm sigriet.
- (2) 'detentur tas-sigriet kummerċjali' jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li legalment tikkontrolla sigriet kummerċjali;
- (3) 'kontraventur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun akkwistat, użat jew żvelat illegalment sigrieti kummerċjali;
- (4) 'oġġetti kontraventorji' tfisser oġġetti li d-disinn, il-kwalità, il-proċess ta' fabbrikazzjoni jew kummerċjalizzazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti jibbenefikaw minn sigrieti kummerċjali akkwistati, użati jew żvelati illegalment.

Kapitolu II

L-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali

Artikolu 3

L-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tas-sigrieti kummerċjali huma intitolati japplikaw għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva biex jipprevjenu, jew jiksbu rimedju għall-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali.
2. L-akkwist ta' sigriet kummerċjali mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali għandu jkun meqjus bħala illegali kull meta jitwettaq intenzjonalment jew minħabba negliġenza sejra bi:
 - (a) aċċess mhux awtorizzat, jew kopja ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, li fihom sigrieti kummerċjali jew li minnhom wieħed jista' jiddeduċi sigrieti kummerċjali;
 - (b) serq;
 - (c) tixħim;
 - (d) qerq;

- (e) ksur jew perswazzjoni għal ksur ta' ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dmir ieħor biex tinżamm segretezza;
 - (f) kwalunkwe mġieba oħra li, taħt iċ-ċirkostanzi, hija kkunsidrata kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta.
3. L-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandu jittqies bħala illeġittimu kull meta jitwettaq, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, minn persuna nstab li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) akkwistat is-sigriet kummerċjali illegalment;
 - (b) tkun qed tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dover ieħor biex iżomm is-segretezza tas-sigriet kummerċjali;
 - (c) tkun qed tikser kuntratt jew kul dover ieħor li tillimita l-użu tas-sigriet kummerċjali.
4. L-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandhom ukoll ikunu meqjusa bħala illegali kull meta persuna, waqt l-użu jew l-iżvelar, kienet taf jew fiċ-ċirkostanzi kellha tkun taf li sigriet kummerċjali inkiseb minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod illegali fis-sens tal-paragrafu 3.
5. Il-produzzjoni konxja jew volontarja, l-offerta jew it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna tal-oġġetti kontraventorji għal dawk il-finijiet, għandha titqies bħala użu illegali ta' sigriet kummerċjali.

Artikolu 4

L-akkwist, l-użu u l-iżvelar legali tas-sigrieti kummerċjali

1. L-akkwist tas-sigrieti kummerċjali għandu jiġi meqjus bħala legali meta jinkiseb permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:
- (a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti;
 - (b) osservazzjoni, studju, żarmar jew test ta' prodott jew oġġett li jkun sar disponibbli għall-pubbliku jew li huwa legalment fil-pussess tal-akkwired tal-informazzjoni;
 - (c) eżerċizzju tad-dritt tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għal tagħrif u konsultazzjoni f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u/jew ta' ċerti Prattiki;
 - (c) kwalunkwe Prattika oħra li, fiċ-ċirkostanzi, hija konformi ma' Prattiċi kummerċjali onesti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat akkwist, użu

jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni;
- (b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, l-għemil ħażin jew attività illegali tal-applikant, sakemm l-allegat akkwist, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku;
- (c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;
- (d) għall-iskop tal-issodisfar ta' obbligu nonkontrattwali;
- (e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess leġittimu.

Kapitolu III

Miżuri, proċeduri u rimedji

SEZZJONI 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 5

Obbligu Ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' rimedju ċivili kontra l-akkwist l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali.
2. Dawk il-miżuri, proċeduri u rimedji għandhom:
 - (a) ikunu ġusti u ekwi;
 - (b) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu skadenzi mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat;
 - (c) ikunu effettivi u dissważivi

Artikolu 6

Proporzjonalità u abbuż ta' litigazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'konformità ma' din id-Direttiva għandhom ikunu applikati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti b'mod li:
 - (a) huwa proporzjonat;

- (b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu fis-suq intern;
 - (c) jipprovdi salvagwardji kontra l-abbuż.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet gudidzżarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-akkwist, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali in mala fede bil-għan li jdewwem jew jirrestrinġi l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella li jintimida jew jiffastidja lill-intimat, dawn l-awtoritajiet gudidzżarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin:
- (a) jimponu sanzjonijiet fuq l-applikant
 - (b) jordnaw id-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 14.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-intimat li jitlob id-danni, jekk il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tippermetti.

Artikolu 7 *Perjodu ta' limitazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu f'tal-anqas sena waħda imma mhux aktar minn sentejn wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni.

Artikolu 8 *Preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul il-kors tal-proċedimenti legali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn daww il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li sar jaf bih bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ma jibqax jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- (a) fejn matul il-proċedimenti, l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2;
- (b) fejn maż-żmien, l-informazzjoni in kwistjoni ssir ġeneralment magħrufa fost jew faċilment aċċessibbli għall-persuni li ġeneralment jitrattaw dik it-tip ta' informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw l-akkwist l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom mill-inqas jinkludu l-possibbiltà:

- (a) li jiġi restritt l-aċċess għal kull dokument li fih sigrieti kummerċjali sottomess mill-partijiet jew mill-partijiet terzi, kollha jew parti minnhom;
- (b) li jiġi ristrett l-aċċess għal seduti, meta s-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew transkript korrispondenti tagħhom. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u soġġett għal ġustifikazzjoni xierqa, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jirrestrinġu l-aċċess tal-partijiet għal dawġ is-seduti u jordnaw li dawn jitwettqu biss fil-preżenza tar-rappreżentanti legali tal-partijiet u esperti awtorizzati suġġett għal obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1;
- (c) li jagħmlu disponibbli verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu tneħħew is-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali.

Fejn, minħabba l-ħtieġa li jiġi protett is-sigriet kummerċjali jew l-allegata sigriet kummerċjali u skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tiddeċiedi li l-evidenza legalment fil-kontroll ta' parti m'għandhiex tiġi żvelata lill-parti l-oħra u fejn tali evidenza tkun materjali għar-riżultat tal-litigazzjoni, l-awtorità ġudizzjarja tista' xorta waħda tawtorizza l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni lir-rappreżentanti legali tal-parti l-oħra u, fejn xieraq, lill-esperti awtorizzati suġġetti għall-obbligu tal-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1.

3. Meta jiddeċiedu dwar l-ġhoti jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u jivvalutaw il-proporzjonalità, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-ġhoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni.
4. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

SEZZJONI 2

MIŻURI PROVIŻORJI U KAWTELATORJI

Artikolu 9

Miżuri proviżorji u kawtelatorji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri provviżorji u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur:

- (a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali fuq bażi provviżorja;
 - (b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodotti kontravventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' prodotti kontravventorji għal dawk l-iskopijiet;
 - (c) il-konfiska jew il-kunsinna ta' oġġetti suspettati bħala kontravventorji, inklużi oġġetti importati, sabiex jiġu evitati d-dħul u ċ-ċirkulazzjoni tagħhom fis-suq.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-akkwist, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta' sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali.

Artikolu 10

Kundizzjonijiet ta' applikazzjoni u salvagwardja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdli evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfa ruħhom li s-sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li hija imminenti akkwiżizzjoni, użu jew żvelar illeġli ta' sigriet kummerċjali.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu l-valur tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali, il-kondotta tal-intimat fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-iżvelar jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-ġoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli jidhru fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk:
- (a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-meriti tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta' Stat Membru tippermetti dan jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata tax-xogħol jew 31 jum kalendarju, liema minnhom ikun l-itwal;
- Sadanittant, it-tagħrif inkwistjoni m'għadhux jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (1) tal-Artikolu 2, għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jagħmlu l-miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 9 soġġetti għal preżentazzjoni mill-

applikant ta' sigurtà adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti intiża biex tassigura il-kumpens mingħajr preġudizzju soffert mill-intimat jew kwalunkwe persuna oħra milquta mill-miżuri.

5. Fejn il-miżuri interim huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda akkwist, żvelar jew użu illegali ta' sigriet kummerċjali jew theddid ta' kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta' parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lil-intimat, jew il-parti terza danneġġjata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri.

SEZZJONI 3

MIŻURI LI JIRRIŻULTAW MINN DEĊIŻJONI FUQ IL-MERTI TAL-KAŻ

Artikolu 11

Inġunzjonijiet u miżuri korrettivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba tal-applikant jordnaw kontra l-kontraventur:
 - (a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali;
 - (b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' oġġetti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;
 - (c) l-adozzjoni tal-miżuri korrettorji xierqa fir-rigward tal-oġġetti kontraventorji.
2. Il-miżuri korrettivi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jinkludu
 - (a) dikjarazzjoni ta' kontravenzjoni;
 - (b) is-sejħa lura tal-prodotti kontraventorji mis-suq;
 - (c) li l-prodotti kontraventorji titneħħielhom il-kwalità kontraventorja tagħhom;
 - (d) il-qerda tal-oġġetti kontraventorji jew, fejn xieraq, l-irtirar tagħhom mis-suq, sakemm din l-azzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni;
 - (e) il-qerda totali jew parzjali ta' kull dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku li fihom jew li jimplimentaw is-sigriet kummerċjali jew, skont il-każ, il-konsenja lid-detentur tas-sigriet kummerċjali tad-dokumenti, l-oġġetti, il-materjali, is-sustanzi u l-fajls elettroniċi kollha jew parti minnhom.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġi ordnat l-irtirar tal-prodotti kontraventorji mis-suq, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, fuq talba tad-

detentur tas-sigriet kummerċjali, li l-oġġetti jingħataw lid-detentur jew lill-organizzazzjonijiet tal-karità taħt kondizzjonijiet li għad iridu jiġu deċiżi mill-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom l-għan li jiżguraw li l-oġġetti inkwistjoni ma jergħux jidħlu fis-suq.

L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li daww il-miżuri jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dannu li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

Artikolu 12

Kundizzjonijiet tal-applikazzjoni, salvagwardji u miżuri alternattivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, waqt li kienet qed tiġi eżaminata talba għal l-adozzjoni tal-mandati ta' inibizzjoni u miżuri korrettivi previsti fl-Artikolu 11 u tiġi vvalutata l-proporzjonalità tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jqisu l-valur tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali, il-kontotta tal-kontraventur fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ta' żvelar illegali jew użu tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista' jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

Meta l-awtoritajiet kompetenti jillimitaw id-dewmien tal-miżura msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11 (1), dan iż-żmien għandu jkun biżżejjed biex jelimina kwalunkwe vantaġġ kummerċjali jew ekonomiku li l-kontraventur seta' jikseb mill-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat jekk sadanittant l-informazzjoni in kwistjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (1) tal-Artikolu 2 għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li tkunu soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati daww il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-persuna kkonċernata oriġinarjament akkwistat għarfien tas-sigriet kummerċjali b'rieda tajba u tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(4);
 - (b) l-eżekuzzjoni tal-miżuri in kwistjoni jikkawżaw lill-persuna dannu sproporzjonat;
 - (c) kumpens pekunjarju lill-parti danneġġjata tidher li hi raġonevolment sodisfaċenti.

Meta jkun ġie ordnat kumpens pekunjarju minflok l-ordni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11 (1), tali kumpens pekunjarju ma għandux jaqbeż l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkun dovuti, li kieku dik il-persuna kienet talbet awtorizzazzjoni

biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu l-użu tas-sigriet kummerċjali seta' ġie projbit.

Artikolu 13

Id-danni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel l-akkwist l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali id-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba.
2. Meta jiġu ffisati d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu qliegħ mitluf, li l-parti li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bl-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu ukoll, skont il-każ jifissaw id-danni bħala somma li titħallas f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħal minimu tal-ammont tar-royalties jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti jekk il-persuna li għamlet il-ksur talbet awtorizzazzjoni sabiex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni.

Artikolu 14

Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-proċedimenti legali istitwiti għall-akkwist, użu jew iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u jħallas il-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, li jinkludi l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha.
2. Kwalunkwe miżura msemmiya fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tippreserva l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali kif previst fl-Artikolu 8.
3. Biex jiġi deċiż jekk jiġux ordnati miżuri ta' pubbliċità u ta' stima ta' proporzjonalità, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu d-dannu possibbli li miżura bħal din tista' tikkawża għall-privatezza u r-reputazzjoni tal-kontraventur, kull meta l-kontraventur huwa persuna naturali, kif ukoll il-valur tas-sigriet kummerċjali, il-kondotta tal-kontraventur fl-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-akkwist, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, u l-probabbiltà ta' aktar użu u iżvelar tas-sigriet kummerċjali mill-kontraventur.

Kapitolu IV

Sanzjonijiet, rappurtar u dispożizzjonijiet finali

Artikolu 15

Sanzjonijiet għan-nonkonformità mal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jimponu sanzjonijiet fuq il-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom u kwalunkwe persuna oħra li tonqos jew tirrifjuta li tikkonforma ma' kull miżura adottata skont l-Artikoli 8, 9 u 11.

Is-sanzjonijiet previsti għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti penali ta' pagamenti rikorrenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11.

Is-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

Artikolu 16

Il-bdil ta' informazzjoni u l-korrispondenti

Bl-għan li ssir promozzjoni tal-koperazzjoni, li tinkludi il-bdil ta' informazzjoni, bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jagħżel korrispondent nazzjonali jew aktar fuq xo kwestjoni li tirrelata ma' l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'din id-Direttiva. Għandha tikkomunika id-dettalji tal-korrispondent(i) nazzjonali lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni.

Artikolu 17

Rapporti

1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għal Marki Kummerċjali u Disinji, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali, għandha ttejjg rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-akkwist, użu jew żvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Sa XX XX 20XX [erba' snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport intermedju dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jieħu f'kunsiderazzjoni r-rapport imħejji mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali.
3. Sa XX XX 20XX [tmien snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 18
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa XX XX 20XX [24 xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 19
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara il-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 20
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President